# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R MICALLEF**
**(Aġent President)**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G MANGION**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 18 ta' Frar, 2021.**

**Numru 1**

**Rikors numru 181/2011/1 AF**

**Richard Attard fil-kapaċita` tiegħu bħala d-Direttur tas-Soċjeta` Kummerċjali Newco Steel Limited (C – 11310)**

**v.**

**John Rizzo fil-kapaċita` tiegħu bħala Kummissarju tal-Pulizija fl-Interess tal-Korp Investigattiv fi ħdan il-Korp tal-Pulizija**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell imressaq mill-attur fil-kwalita` premessa minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-8 ta' Ottubru, 2015 (minn issa 'l hemm imsejħa "is-sentenza appellata"), fil-kawża fl-ismijiet

premessi li biha w għar-raġunijiet hemm imfissra, laqgħet waħda mill-eċċezzjonijiet preliminari mqajma mill-imħarrek fil-kwalita` tiegħu premessa u sabet li l-azzjoni attriċi ma tiswiex għaliex milquta min-nullita`, u ħelset lill-istess imħarrek (minn issa 'l hemm imsejjaħ "il-Kummissarju") mill-ħarsien tal-ġudizzju;

2. L-appellant fetaħ din il-kawża wara li kien ressaq żewġ kwereli lill-Kummissarju għall-bidu tal-2010 li fihom talbu biex jistħarreġ b'investigazzjoni interna fi ħdan il-Korp tal-Pulizija kemm fil-fatt kien l-ammont misruq f'serq, qligħ b'qerq u approprjazzjoni indebita li kienu saru fuq medda ta' żmien minn stabiliment u b'dannu għal kumpanija u li dwarhom hu kien instab ħati u ngħatat sentenza kontrih fis-16 ta' Ottubru, 2008, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali[1]. Hu kien talab għall-imsemmija investigazzjoni billi, wara l-għoti ta' dik is-sentenza, sar jaf bi provi ġodda marbuta ma' xhieda li ngħatat waqt l-investigazzjoni fil-proċeduri ġudizzjarji li kienu għaddejjin kontrih, li juru nuqqasijiet min-naħa tal-Pulizija waqt l-istess investigazzjoni. Partikolarment, jgħid li hemm partijiet fl-istqarrijiet tiegħu li tniżżlu iżda ma ngħatawx minnu, minkejja li ffirma għalihom u għażel li jammetti għall-akkużi miġjuba kontrih. Jgħid li dan wassal biex qed iġarrab preġudizzju finanzjarju bla bżonn għaliex l-ammont li ntrabat li jrodd lura huwa ferm akbar minn dak li tabilħaqq huwa responsabbli

[1] Dok "NV1", f'paġġ. 20 – 6 tal-proċess

għalih. Jgħid li, minkejja li ġab dan kollu għall-attenzjoni tal-Kummissarju, ma ttieħdet ebda azzjoni fir-rigward. Għalhekk, b'din il-kawża talab lill-ewwel Qorti ssib li l-istqarrijiet meħudin mingħandu mill-Pulizija tul l-investigazzjoni kontrih ma jiswewx billi huma frott ta' żball; li taħtar perit sabiex jistabbilixxi kemm kien sewwasew l-ammont misruq; tordna l-ħlas lura lilu mill-Kummissarju tas-somma hekk likwidata; u li tagħti kull ordni li jidhrilha xieraq skond iċ-ċirkustanzi;

3. Illi fit-Tweġiba, il-Kummissarju laqa' billi qal li l-azzjoni hija attentat mill-appellant biex jiftaħ mill-ġdid li llum huma magħluqa b'sentenza li saret ġudikat u saħansitra fuq ammissjoni tal-istess appellant. Żied jgħid li, minbarra li l-appellant kien naqas li jressaq appell mis-sentenza li ngħatat fil-konfront tiegħu, ftit jiem qabel ma ngħatat dik is-sentenza kien deher fuq kitba privata ta' kostituzzjoni ta' debitu magħmula quddiem nutar pubbliku li biha għaraf li kien debitur tal-kumpanija misruqa f'ammont hemm determinat. Laqa' wkoll billi qal li, ladarba d-dejn mistqarr mill-appellant fl-imsemmija kitba huwa ta' natura penali marbut ma' reat ta' serq u approprijazzjoni indebita, dik il-Qorti ma kellhiex il-kompetenza tiddeċiedi t-talbiet attriċi. Fuq kollox, qal li kien jonqos fl-appellant l-interess ġuridiku meħtieġ biex iressaq din il-kawża ladarba l-proċeduri kriminali ttieħdu fil-konfront tiegħu f'ismu personali, u mhux f'isem il-kumpanija attriċi. Il-Kummissarju laqa' wkoll billi qal li t-talbiet

attriċi ma kinux ċari u b'hekk l-azzjoni attriċi ma tiswiex għax milquta b'nullita`;

4. Illi b'degriet mogħti mill-ewwel Qorti waqt is-smigħ tal-20 ta' Ġunju, 2012[2], dik il-Qorti kienet ordnat li ssir it-trattazzjoni dwar l-ewwel erba' (4) paragrafi tat-Tweġiba Maħlufa tal-Kummissarju;

5. Illi fis-sentenza appellata, l-ewwel Qorti għamlet il-konsiderazzjonijiet li ġejjin:

> "*Ikkunsidrat illi jirrizulta illi fis-16 ta' Ottubru 2008 r-rikorrenti, flimkien ma' zewg persuni ohra, instab hati mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, ta' diversi reati fosthom serq, qliegh b'qerq u approprjazzjoni ta' hwejjeg haddiehor, u dan fuq ammissjoni tal-istess imputati. Ir-rikorrenti gie kundannat sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin u gie ordnat ukoll ihallas €180,000 lis-socjetà derubata. Richard Attard issa jallega li jezistu provi godda li juru li l-ammont misruq ma kienx realment dak li dwaru huwa nstab hati. Qieghed jallega nuqqas ta' diligenza mill-korp investigattiv u qieghed ukoll ghalhekk jitlob lill-Qorti tordna l-hlas tas-somma tassew misruqa "da parti tal-intimat".*
>
> *"Il-Kummissarju tal-Pulizija jressaq diversi eccezzjonijiet ta' natura preliminari. L-ewwel wahda fosthom li l-Qorti tqis ghaqli tikkonsidra qabel kollox hija dik kontenuta f'paragrafu 2(b) tar-risposta guramentata u cioé dik tan-nullita` tar-rikors promotur ghaliex ma jsegwix id-dettami tal-Art. 156 (1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*
>
> *"L-Art. 789 tal-Kap. 12 jipprovdi illi:*
>
> *"(1) L-eċċezzjoni ta' nullita` tal-atti ġudizzjarji tista' tingħata*
>
> *"(a) jekk in-nullita` hija iddikjarata mil-liġi espressament;*

[2] Ara paġ. 48 tal-proċess

*“(b) jekk l-att jinħareġ minn qorti mhux kompetenti;*

*“(ċ) jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma meħtieġa mill-liġi, ukoll jekk mhux taħt piena ta’ nullita`, kemm il-darba dik il-vjolazzjoni tkun ġiebet, lill-parti li titlob in-nullita`, preġudizzju illi ma jistax jissewwa xort’oħra ħlief billi l-att jiġi annullat;*

*“(d) jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarità essenzjali espressament meħtieġa mill-liġi:*

*“Iżda dik l-eċċezzjoni ta’ nullita` kif maħsuba fil-paragrafi (a), (ċ), u (d) ma tkunx tista’ tingħata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistgħu jissewwew taħt kull disposizzjoni oħra tal-liġi.*

*“(2) L-eċċezzjoni ta’ nullita` ta’ att, taħt is-subartikolu (1)(ċ), ma tistax tingħata, meta l-parti li tagħtiha tkun baqgħat tagħmel jew, għad li tkun taf biha, tkun ħalliet li jibqgħu jsiru atti oħra wara, mingħajr ma teċċepixxi dik in-nullita`.”*

*“Huwa mghallem mill-gurisprudenza ta’ dawn il-Qrati illi:*

*“Citazzjoni m’ghandhiex tigi mwaqqgha ghajr ghal ragunijiet gravi. Madankollu, jekk in-nuqqas ta’ kjarezza jkun ta’ ghamla u kwalita` tali li jcahhad b’mod serju lill-imharrek mid-difiza tieghu, ic-citazzjoni ghandha tigi mwaqqgha.” – K.B. Real Estate Limited vs Silvio Felice u l-gurisprudenza fiha citata.*

*“Biex att ta’ citazzjoni jghaddi mill-prova tal-validità huwa bizzejjed li t-talba tkun imfassla b’mod tali li l-persuna mharrka tifhem l-intenzjoni ta’ min harrikha u li tali tifsila ma tkunx ta’ hsara ghall-imharrek li jiddefendi lilu nnifsu mit-talba tal-attur.”*

*“Huwa ritenut inoltre illi:*

*“n-natura u l-indoli tal-azzjoni ghandhom jigu misluta mit-termini tal-att li bih ikunu nbdew il-proceduri.” – Tabone vs DeFlavia Vol. XLII.i.87.*

*“Il-Qorti ezaminat l-att promotur tal-kawza fid-dawl tal-fuq citati provvedimenti tal-ligi kif konsistentement imhaddma minn dawn il-Qrati u ssib li l-intimat Kummissarju tal-Pulizija ghandu jinghata r-ragun u dan wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:*

*"L-ewwelnett, l-oggett tal-kawza m'huwiex car, u b'hekk l-intimat qieghed isofri pregudizzju fid-difiza tieghu. Ma jirrizultax b'mod inekwivoku jekk ir-rikorrenti hux qieghed jitlob revizjoni tas-sentenza li biha gie misjub hati, jekk hux qieghed jitlob li jigu annullati stqarrijiet rilaxxati; jekk huwiex effettivament qed jitlob kundanna ghal danni minghand il-Kummissarju tal-Pulizija, jew jekk huwiex qieghed jitlob li jigi annullat il-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu lejn is-socjetà derubata.*

*"Ukoll, ir-rikorrenti f'din il-kawza qieghed jagixxi unikament fil-kapacità tieghu ta' Direttur tas-socjetà kummercjali Newco Steel Limited. In-ness bejn din is-socjetà u l-posizzjoni ta' Richard Attard bhala imputat fil-proceduri kriminali ma huwa msemmi mkien, la fl-att promotur tal-kawza u lanqas fil-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu (esibiti in atti a fol. 27). Din il-konfuzjoni ukoll ixxekkel id-difiza tal-kawza da parti tal-intimat.*

*"Galadarba l-Qorti qed issib in-nullita` tar-rikors promotur, ikun inutli f'dan l-istadju tikkonsidra l-eccezzjonijiet l-ohra.*

*"Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-eccezzjoni kontenuta fil-para. 2(b) tar-rikors promotur u tiddikjara null l-istess rikors, u ghaldaqstant tillibera lill-intimat mill-osservanza tal-gudizzju.*

*"L-ispejjez jithallsu minn Richard Attard fil-kapacità tieghu ta' direttur ta' Newco Steel Limited*";

6. Illi b'Rikors tal-Appell imressaq fit-28 ta' Ottubru, 2015, u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-appellant talab li din il-Qorti filwaqt li tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata, tirriformaha billi tiċħad l-eċċezzjoni tan-nullita` tar-rikors promotur elenkata f'paragrafu 2(b) tar-Risposta tal-Kummissarju appellat. Jitlob ukoll li din il-Qorti terġa' tibgħat l-atti quddiem l-ewwel Qorti sabiex jitkompla s-smigħ fil-mertu;

7. Illi permezz ta' Tweġiba tad-19 ta' Novembru, 2015, il-Kummissarju jilqa' għall-imsemmi appell billi jgħid li s-sentenza appellata hija ġusta u

għandha tiġi konfermata, filwaqt li din il-Qorti jmissha tiċħdu, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellant;

8. Rat in-Nota ta' astensjoni mressqa mis-Sinjurija Tiegħu l-Prim'Imħallef waqt is-smigħ tas-17 ta' Novembru, 2020, u d-degriet ta' surroga ta' dakinhar li bih il-Qorti ġiet kostitwita kif issa komposta;

9. Semgħet id-dikjarazzjoni magħmula mill-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tat-12 ta' Jannar, 2021, li ma kellhomx x'iżidu mal-atti miktuba mressqin minnhom f'din l-istanza;

10. Rat l-atti tal-kawża u li, b'degriet mogħti waqt l-imsemmi smigħ, ħalliet l-appell għallum għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

11. Illi din hija azzjoni li titlob bosta ħwejjeġ: dikjarazzjoni ta' nullita` ta' żewġ stqarrijiet meħuda mill-Pulizija waqt investigazzjoni kriminali; aċċertament ta' valur dwar teħid waqt reat; u talba għar-radd lura ta' ħlas imwettaq żejjed. Fil-qafas ta' dawk it-talbiet, l-appellant talab il-ħatra ta' perit sabiex jistabbilixxi l-ammont tassew approprijat minnu. Għal dik l-azzjoni, il-Kummissarju qajjem bosta eċċezzjonijiet ta' xejra preliminari li l-ewwel Qorti qatgħetha li kellha tistħarriġhom qabel kull ħaġ'oħra. Bis-

sentenza appellata, l-ewwel Qorti laqgħet l-eċċezzjoni tan-nullita` tal-att promotur, u għalhekk rat li ma kienx hemm il-ħtieġa li taqta' u tiddeċiedi wkoll fuq l-eċċezzjonijiet preliminari l-oħrajn;

12. Illi fil-qofol l-appellant ressaq **aggravju wieħed** mis-sentenza appellata. Huwa jgħid li l-azzjoni tiegħu tressqet skond "il-binarju eżatt, ċar u oġġettiv" u li l-ewwel Qorti naqset serjament li tqis il-każ tiegħu fid-dawl ta' dak il-binarju u, minflok, laqgħet eċċezzjoni li hija "waħda frivola u vessatorja għall-aħħar". Huwa jisħaq li l-azzjoni tiegħu hija waħda ċara u ma kienx hemm fejn wieħed ma jifhimx x'ried li jikseb biha. Iżid jgħid li l-ewwel Qorti waslet għall-ġudizzju tagħha fi stadju bikri wisq, mingħajr ma l-appellant ingħata l-opportunità jidħol fil-mertu tal-kwestjoni u juri l-inġustizzja li għadda minnha fl-istadju tal-interrogatorju. Itenni li, mill-premessi dettaljati tar-Rikors Maħluf li bih fetaħ din il-kawża, joħroġ biċ-ċar li l-azzjoni hija ndirizzata lejn il-Kummisssarju tal-Pulizija biex iwieġeb għan-nuqqas li jilqa' t-talba tiegħu biex jinvestiga l-ilment tiegħu dwar kif ittieħdu l-istqarrijiet tiegħu u mhux biex jerġa' jiftaħ il-proċeduri kriminali li ngħalqu bis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Jgħid li din il-ħaġa kienet ċara ħafna meta huwa ressaq żewġ kwereli lill-Kummissarju u dan baqa' ma għamel xejn. Jgħid ukoll li fetaħ din il-kawża bit-tama li jintraddlu lura l-ammont żejjed li ntalab iħallas lill-vittma tas-serq li tiegħu nstab ħati. Iqis li ma hemm ebda nuqqas proċedurali fir-Rikors Maħluf

tant li l-Kummissarju kien f'qagħda jagħraf x'kien qiegħed jintalab u kif seta' jilqa' għall-azzjoni tiegħu;

13. Illi l-Kummissarju, min-naħa l-oħra, jgħid li la t-talbiet u lanqas l-aggravju ma jindikaw b'mod ċar il-bażi legali li fuq is-saħħa tagħhom tressqet il-kawża;

14. Illi hija u tqis dan l-aggravju, il-Qorti ttenni li f'materja ta' nullita` tal-atti, is-sanzjoni estrema tan-nullita` ta' att ġudizzjarju titlob li l-eċċezzjoni tintlaqa' biss f'każijiet eċċezzjonali meta r-rimedju waħdien li jingħata lill-imħarrek għall-preġudizzju mġarrab ikun it-tħassir tal-att, kif jipprovdi wkoll il-*proviso* tal-Artikolu 789(1) tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili. Hija sanzjoni estrema li l-liġi timponi biss meta n-nuqqas formali jew sostanzjali ma jkunx jista' jiġi assolutament tollerat bla ħsara għal xi prinċipju ta' ġustizzja proċedurali[3]. Fuq kollox, il-liġi tal-proċedura hija maħsuba biex il-kawżi jimxu b'ħeffa u effiċjenza, ekonomija w ħarsien tal-jeddijiet tad-difiża u tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali;

15. Illi l-eċċezzjoni preliminari mistħarrġa mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata kienet titkellem fuq in-nuqqas ta' ċarezza tal-azzjoni mibdija mill-appellant. Mill-kliem innifsu tal-Artikolu 156(1)(a) tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili, joħroġ illi (i) l-attur għandu jidentifika

[3] App. Ċiv. **4.11.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella v. Ċefai*** (Kollez. Vol: **LXXV.ii.467**)

l-oġġett tal-kawża billi jiddikjara r-raġuni għala jkun qiegħed jitlob dik il-ħaġa; (ii) dak l-oġġett u dik ir-raġuni jridu jkunu mfissrin ċar u sewwa; (iii) t-talba jew it-talbiet ikunu marbutin mar-raġuni jew raġunijiet kif premess fir-Rikors Maħluf; u (iv) li dawn l-elementi għandhom jirriżultaw mill-att ġudizzjarju nnifsu u mhux minn xi kjarifika li tista' ssir dwarhom waqt is-smigħ tal-kawża[4];

16. Illi ingħad ukoll f'deċiżjonijiet ta' dawn il-Qrati matul iż-żmien[5] li n-nuqqasijiet fl-att ġudizzjarju jridu jidhru mad-daqqa t'għajn u mill-mod kif l-att ikun imfassal. Minbarra dan, biex tista' tintlaqa' l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' siwi jew nullita` ta' att ġudizzjarju, in-nuqqas irid ikun wieħed li jissemma fid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 789(1) tal-Kodiċi msemmi. Ingħad ukoll li d-distinzjoni bejn nullita` mtellgħa taħt il-paragrafu (ċ) u dik taħt il-paragrafu (d) tas-sub-artikolu (1) tal-Artikolu 789, tikkonsisti fil-fatt li, f'tat-tieni, l-att ġudizzjarju jkun milqut minn nuqqas ta' partikolarità essenzjali meħtieġa mil-liġi, u mhux "sempliċi" ksur tal-forma preskritta[6]. Huwa xieraq li jissemma li l-liġi titkellem dwar "partikolarità essenzjali" u mhux partikolarita` kwalsijasi. Biex partikolarita` f'att ġudizzjarju titqies bħala "essenzjali" jeħtieġ li jintwera li n-nuqqas tagħha f'dak l-att ixekkel serjament u rrimedjabbilment xi wieħed jew aktar mill-għanijiet leġittimi

---

[4] App. Ċiv **30.3.1998** fil-kawza fl-ismijiet ***Ray Beżżina v. Anthony. Galea*** (mhix pubblikata)

[5] App Ċiv. **29.3.2019** fil-kawża fl-ismijiet ***Roland Darmanin Kissaun et v. Global Capital Financial Management***

[6] Ara, per eżempju, P.A. C.S. **4.11.1988** fil-kawża fl-ismijiet *Carmelo Galea v. Pawlu Cuschieri* (mhix pubblikata)

tar-regoli proċedurali li l-kawżi jimxu b'ħeffa, effiċjenza, ekonomija u ħarsien tal-jeddijiet u tad-difiża u tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali[7];

17. Illi din il-Qorti hija tal-fehma li t-talbiet magħmula mir-rikorrenti appellat fir-rikors li bih fetaħ din il-kawża jridu jinqraw u jinftehmu mal-premessi li saru qabilhom fl-istess att. Dan, wara kollox, huwa l-għan li hu maħsub li jilħqu l-premessi f'rikors maħluf u li bihom "titfisser b'mod ċar u sewwa l-oġġett tal-kawża f'paragrafi numerati separatament, sabiex isaħħaħ it-talba"[8]. It-talbiet f'kawża ma jsirux fl-arja u r-raġunijiet li jwasslu biex isiru t-talbiet jgħinu biex il-ġudikant jifhem kemm in-natura tal-azzjoni mressqa u kif ukoll x'ikun intalab. Filwaqt li l-premessi ma għandhomx jitqiesu bħala talbiet, huma mistennija li jservu biex jiċċarawhom u, flimkien mal-provi li jitressqu matul is-smigħ ta' kawża, jiġġustifikawhom;

18. Illi bħala parti mir-Rikors tal-Appell tiegħu hu u jittratta l-aggravju mis-sentenza appellata, l-appellant jgħid hekk biex ifisser l-azzjoni mnedija minnu: "*In fatti din hija kawża ċivili li kellha bilfors tiġi stradata quddiem il-Qrati ta' Ġustizzja Ċivili stante illi l-Kummissarju tal-Pulizija ta' Malta naqas bis-sħiħ illi jikkostitwixxi proċeduri investigattivi interni fi ħdan il-Korp tal-Pulizija mitlubin permezz ta' żewġ kwereli datati 27 ta' Jannar 2010 u 6 ta' Marzu 2010, li permezz tagħhom il-kwerelanti*[9] *kien għamilha*

[7] P.A. GCD **31.10.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Diane Vella et v. Medserv Operations Limited***
[8] Art. 156(1)(a) tal-Kap 12
[9] Din il-kelma tirreferi għall-attur appellant

*ċara li qed jitlob investigazzjoni oġġettiva rigward żewġ statements li huwa rrilaxxa li fil-fehma tiegħu kienu statements imposti fuqu inġustament stante li jikkontjenu fihom stqarrijiet li żgur ma ħarġux minn ħalq il-kwerelanti fl-investigazzjonijiet li kienu sarulu*"[10];

19. Illi din il-Qorti tqis li l-mod kif inhu mfassal ir-Rikors maħluf li bih infetħet din il-kawża mhux għal kollox feliċi. Jispikka b'mod qawwi l-aspett ripetittiv tiegħu u t-tul bla bżonn, meta Rikors maħluf għandu jkun qasir u jfisser l-ilment tal-attur fi ftit kliem diretti lejn dak il-għan[11]. Tqis ukoll li t-talbiet, b'mod partikolari t-tielet talba attriċi, tista' tagħti lok għal xi taħwid għaliex, fiċ-ċirkustanzi, dak li l-aktar seta' jitlob l-attur appellant huwa li jintraddlu lura d-differenza li nstab li ħallas żejjed u mhux l-ammont sħiħ (l-appellant jorbot din it-talba ma' ta' qabilha billi jirreferi għal "ammont hekk likwidat") kif donnha timplika l-istess talba. Iżda lil hinn minn hekk, it-talbiet fil-ġabra tagħhom u l-premessi li saru qabilhom jiġbru dak li l-appellant jippretendi f'din il-kawża tiegħu. Il-Qorti tagħmilha ċara li din il-kostatazzjoni ma għandha bl-ebda mod tinftiehem bħala xi ġudizzju li jaċċetta s-siwi tal-imsemmija pretensjonijiet u lanqas it-twarrib tas-siwi ta' eċċezzjonijiet preliminari oħrajn li kien qajjem il-Kummissarju u li baqgħet ma ngħatat l-ebda sentenza dwarhom minħabba l-mod kif ittieħdet id-deċiżjoni dwar l-eċċezzjoni tan-nullita` tal-att promotur;

---

[10] Rikors tal-Appell, f'paġ. 102 tal-proċess

[11] App Ċiv. **29.3.2019** fil-kawża fl-ismijiet ***Roland Darmanin Kissaun et v. Global Capital Financial Management***

20. Illi, minbarra dan, din il-Qorti fehmet tajjeb dak li qed jitlob ir-rikorrent, u fil-fehma tagħha, l-istess jista' jingħad li seħħlu jagħmel il-Kummissarju mill-mod kif ressaq l-argumenti w id-difiża tiegħu fit-Tweġiba Maħlufa. F'din il-kawża, għall-kuntrarju ta' dak li setgħet fehmet l-ewwel Qorti, l-attur appellant mhux qed jitlob ir-reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti Kriminali jew it-tħassir tagħha, u lanqas it-tħassir tal-ftehim ta' kostituzzjoni ta' debitu, għalkemm wieħed jifhem li din il-kawża hija l-ewwel pass li jista' jwassal, f'każ li jintlaqgħu t-talbiet attriċi, għall-ftuħ ta' proċeduri oħra. L-appellant, permezz tat-talbiet tiegħu, qiegħed jittanta jħassar mill-istqarrijiet meħuda minnu mill-Pulizija f'Settembru tal-2008, dawk il-partijiet fejn huwa jingħad li stqarr xi ammonti u li huwa jgħid li ma kinux kliemu. Il-bażi tal-pretensjoni fl-ewwel talba hija l-vizzju tal-kunsens tiegħu meta ttieħdu dawk l-istqarrijiet (l-ewwel talba). L-azzjoni tissejjes ukoll fuq in-nuqqas min-naħa tal-Kummissarju li jniedi l-investigazzjoni interna li setgħet tistħarreġ is-siwi ta' dak li l-appellant jallega u, għalhekk, ir-responsabbilta` tal-istess Kummissarju għall-ħsara li ġarrab l-attur appellant bil-ħlas żejjed li huwa jgħid li kellu jagħmel lill-vittma dwar l-ammont frott ir-reati li kienu xlewh bihom (it-tieni talba) u l-ħlas ta' dak l-ammont żejjed (it-tielet talba). Fir-raba' talba, l-attur appellant jitlob l-għoti ta' rimedju jew ordni mill-ewwel Qorti biex tissewwa l-inġustizzja li biha jixli lill-Kummissarju;

21. Illi, min-naħa l-oħra, il-Kummissarju jqajjem numru ta' raġunijiet għalfejn dawn it-talbiet m'għandhomx jintlaqgħu, kemm minħabba difetti fil-proċedura kif ukoll għaliex mhux mistħoqqa fil-mertu. Huwa jagħti wkoll ir-raġunijiet għalfejn il-Kummissarju m'għandux iwieġeb għat-talbiet[12] tar-rikorrent. Madankollu, dawk id-difiżi li jqajjem jixhdu li huwa wkoll fehem x'inhu jintalab fl-azzjoni tal-appellant u ma kien bl-ebda mod imfixkel milli jqajjem l-istess difiżi kemm proċedurali (fis-sura ta' eċċezzjonijiet preliminari) u xejn anqas f'dawk sostantivi;

22. Illi dan iwassal lill-Qorti għall-fehma li, għalkemm ir-Rikors promotur tal-kawża seta' tfassal ħafna aħjar għar-raġunijiet mtennija aktar 'il fuq, il-premessi u t-talbiet jorbtu tajjeb ma' xulxin, u fuq kollox ma tarax kif il-Kummissarju seta' jġarrab xi preġudizzju li kieku l-Qorti kellha tilqa' l-aggravju li l-appellant ressaq quddiemha. Qiegħda tqis ukoll li fejn azzjoni tista' tkun salvata, dan għandu jsir safejn b'hekk l-ebda parti ma ġġarrab ksur tal-jedd tagħha li jingħatalha smigħ xieraq;

23. Illi għalhekk l-aggravju tal-appellant huwa mistħoqq, u fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti qiegħda tilqgħu filwaqt li ssib li l-azzjoni mressqa minnu ma kinitx milquta minn nullita`. Minħabba li s-sentenza appellata ma kinitx stħarrġet is-siwi tal-eċċezzjonijiet preliminari l-oħrajn li kienet tħalliet biex tiddeċiedi dwarhom, u biex ma jintilifx il-

[12] Ara l-kjarifika magħmula mill-intimat fil-verbal tas-smigħ tad-19 ta' Ottubru, 2011, f'paġ. 34 tal-proċess

benefiċċju tal-partijiet għal eżami tagħhom miż-żewġ istanzi, il-Qorti sejra tħassar is-sentenza appellata u tibgħat l-atti lura lill-ewwel Qorti fl-istadju li l-kawża kienet qabel ma tħalliet għall-għoti ta' dik is-sentenza;

24. Illi, fid-dawl taċ-ċirkostanzi tal-każ, b'mod partikolari minħabba li l-episodju proċedurali nqala' minħabba nuqqas tal-attur appellant li seta' kien evitat, il-Qorti jidhrilha li għandu jkun hemm temperament fil-kap tal-ispejjeż u dan se tipprovdi dwaru fil-parti dispożittiva tas-sentenza;

***Deċide:***

25. Għal dawn ir-raġunijiet qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tilqa' l-appell** tal-appellant *nomine* u ssib li l-azzjoni mressqa minnu ma kinitx milquta min-nullita` u għalhekk qiegħda tħassar is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-8 ta' Ottubru, 2015, fil-kawża fl-ismijiet premessi safejn laqgħet l-eċċezzjoni tan-nullita` tal-atti mqajma mill-Kummissarju appellat;

**Tordna li l-ispejjeż marbuta ma' din l-eċċezzjoni** fiż-żewġ istanzi jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet; u

**Tordna** li l-atti tal-kawża jintbagħtu lura lill-ewwel Qorti sabiex tiddisponi mill-kawża fl-istat li kienet fih dakinhar li kienet ħallietha għas-sentenza dwar l-eċċezzjonijiet preliminari (l-oħrajn) tal-Kummissarju.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph R Micallef | Tonio Mallia | Robert G Mangion |
| Aġent Prim Imħallef | Imħallef | Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr